# Kwadru tar-Rużarju fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur



**Mario Fenech**

Wieħed mill-Kwadri sbieħ li hemm fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur Għawdex huwa, dak ta' fuq l-artal iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju.

Dan huwa xogħol l-artist Francesco De Domenico li jiġu ħu swor Marija De Domenico li għandha diversi opri sbieħ ta' arti fil-Knejjes tagħna.

Francesco De Domenico kien qassis u kien tħarreġ fl-arti fl-iskola ta' Mattia Preti.

Fil-Kwadru l-artist pinġa mal-ġenb tat-tila lill-Madonna bilqiegħda fuq tron ta' sħab abjad bil-Bambin Ġesù f'ħoġorha qegħda tagħti l-Kuruna tar-rużarju lil San Duminku, għarkupteja f'ġabra ta' talb mara twajba man-naħa tal-lemin tat-tila.

Madwar ras il-Madonna u l-Bambin dija ta' kulur dehbi li tagħti dehra ta' qdusija u ġabra lil din ix-xena.

Anġlu mtajjar f'nofs ix-xena b'mazz fjuri f'idejh, jirrappreżenta l-kobor tat-talba tar-rużarju.



Dan il-kwadru jissemma f'diversi rapporti ta' visti pastorali li kienu saru fil-Parroċċa tan-Nadur matul is-snin.

Kien hemm żmien meta dan il-kwadru kien fi prospettiva mżejna bi ħmistax-il kwadru bil-misteri tar-rużarju fihom.

Nafu li dan il-kwadru kien lest fis-sena 1711 u minn dejjem kien ta' devozzjoni kbira min-nies tar-raħal.

Il-Fratellanza tar-Rużarju twaqqfet fl-1705 u kienet tieħu sehem fil-purċissjonijiet kollha li kienu jsiru mill-knisja tan-Nadur matul is-sena.

Il-Fratellanza tieħu ħsieb tarma l-altar bl-isbaħ opri u tagħmel il-festa tal-Madonna tar-Rużarju fix-xahar t'Ottubru.

Waħda mill-ħafna Fratellanzi li għandna fil-gżejjer Maltin taħt il-Patroċinju tal-Madonna bit-titlu sabiħ u devot tar-Rużarju.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.